MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 170/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta. (Dok. A)

2. Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

3. Illi l-partijiet kienu hassru l-gherusija ftit qabel id-data tat-tieg u kien hemm cirkostanzi li minhabba fihom, kif jirrizulta waqt il-kaz, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni mehtiega skond il-ligi biex jaghtu kunsens validu ghaz-zwieg.

4. Illi inoltre il-partijiet issimulaw il-kunsens taghhom kif ukoll jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

5. Illi l-partijiet illum huma separati bonarjament b'att ippublikat min-Nutar Dottor Rachel Busuttil tas-sbatax (17) ta' Ottubru 2008 kif jirrizulta mill-anness dokument fuq premess DOK A;

6. Ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-sub incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa` mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f'Malta fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) (Dok. A) huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa` mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat ir-risposta tal-konvenut li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti filwaqt li jaqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-Ligi, jecepixxi illi tali nullita` hija konsegwenza ta' nuqqasijiet u vizzji fil-kunsens tar-rikorrenti, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri;
3. Salv ghal eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-15 ta' Dicembru 2007 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1], r-rikorrenti tghid li wara biss sitt xhur li ltaqghet mal-intimat, bdew ifittxu post flimkien ghaliex hassew li r-

[1] Ara a fol 53 tal-process

relazzjoni taghhom kienet sejra tajjeb. Tghid li kif beda dan il-process ta’ tfittxija ghad-dar beda hafna indhil da parti ta’ ommu u aktar ma ghadda zmien aktar dan l-indhil sar problema bejniethom. Tghid li xtraw post il-Hamrun ghax kien ghogob anke lil ommu, minkejja li hi stess kellha d-dubju fuqu. Tghid li l-inkwiet ta’ bejniethom beda fuq xi flus li riedu jaghtu lill-intimat zijietu imma li ghamluha cara li ma ridux jaghtuhom lilha wkoll. Dak li weggahha kien il-fatt li l-intimat m’ghamel xejn biex juriha li kien warajha f’din is-sitwazzjoni ghaliex ma qallhom xejn. Ir-rikorrenti tghid li meta kienu jkunu wahedhom kienu jkunu sew flimkien izda kif kienu jiltaqghu ma’ xi familjari kienu jibdew il-problemi ghax jibda l-indhil. Kliem ommu xejn ma kien jghin lanqas izda r-rikorrenti kienet taghzel li ma tghid xejn biex ma taqlax inkwiet.

Ir-rikorrenti tghid li kienet tiftah qalbha ma’ missierha b’mod specjali li kien jinkoraggiha li l-affarijiet ghad imorru ghall-ahjar. Ma setghetx tifhem kif l-intimat kien imur jghid kollox lil ommu, sahansitra dettalji intimi ta’ bejniethom li wassluha sal-punt li toqghod lura minn certu affarijiet biex ommu ma tkunx taf. Anke l-paga kienet tqassamlu ommu. Tghid ukoll li ma kellhomx hbieb u li ma kienux johorgu tant li l-intimat lanqas okkazzjonijiet tal-familja ma kien ikun irid imur. Kien jindahal bl-istess mod li kienet taghmel ommu b’dan li r-rikorrenti ma setghetx tixtri xi hwejjeg minghajr ma jkun maghha. Ma kienx halliha lanqas titghallem issuq bl-iskuza li jekk jiggieldu tkun tista’ taqbad u titlaq.

Ir-rikorrenti tghid li kif skopriet li missierha kien marid, hadet xokk kbir b’dan li nsiet it-tieg li kien vicin u qaghdet ma missierha minn April sa’ Ottubru 2007 sakemm miet. Wara mewtu rrealizzat li kien ghad fadal xahrejn biss ghat-tieg u kull ma kellha lest kienet is-sala u l-knisja. Ma kellhiex ma’ min tiftah qalbha ghaliex ma’ ommha ma kellhiex dik ir-relazzjoni filwaqt li l-intimat kien jghidilha biss li issa missierha kien miet u li ma setghet taghmel xejn aktar. Bdiet tara lill-intimat minn lenti differenti ghaliex rat li ma tistax titkellem mieghu u dan kien sors ta’ inkwiet. Ikkunsidrat li thassar ir-relazzjoni taghhom ghaliex ma kienitx lesta ghal dan il-pass u fil-fatt tghid li ftit gimghat qabel it-tieg hassru minhabba gizirana li xtralha u li xtaq li tilbisha fil-gurnata tat-tieg u li ha

ghalih li ma riditx tilbisha ghaliex ma kienitx taqbel. Huma irrangaw anke minhabba l-fatt li inkwetat lil ommha. Kif il-mistednin bdew jghidulha li xtraw l-ilbiesi ghat-tieg u bdew jifirhulha, hasset li ma kellhiex ghazla ohra hlief li tipprocedi biz-zwieg.

Fil-gurnata taz-zwieg tghid li ma hasset xejn b'dan li lanqas kienet taf x'inhi tghid. Hasbet biss li xahrejn qabel fl-istess knisja kien sar il-funeral ta' missierha. L-ghada tat-tieg l-intimat qalilha li ried tarbija, minkejja li kienu ftehmu li riedu jhallu ftit taz-zmien jghaddi. Spiccaw biex iggieldu u marru lura d-dar mill-lukanda. Bdiet tibza' tkun intima mieghu ghaliex bezghet li ma kienx ser izomm mal-ftehim taghhom. Irrealizzat li z-zwieg kien zball u li ma setghetx tiflah ghal dik il-pressjoni. Fethet qalbha ma' habiba ta' ommha u marret ukoll ghand Dr. Dorothy Scicluna filwaqt li tejbet ir-relazzjoni ma' ommha, izda kollu kien ta' xejn ghaliex minkejja l-isforz da parti taghha, l-intimat ried li tiskuza ruhha ma' ommu. Ghazel lil ommu f'kollox u ghalhekk iddecidiet li tipprocedi bis-separazzjoni.

Ir-rikorrenti taghlaq billi tghid li minhabba c-cirkustanzi trawmatici li sabet ruhha fihom, ma kienitx kapaci li tipprocedi biz-zwieg ghaliex kellha bzonn aktar zmien sabiex tirkupra wara l-mewt ta' missierha. Tghid ukoll li min-naha tieghu l-intimat ma kellux ir-rieda li jaghzel lilha qabel kollox.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimat</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[2], l-intimat jghid li r-relazzjoni taghhom mill-ewwel kienet wahda serja. Jghid li wara sena u nofs flimkien bdew ifittxu post tant li sussegwentement xtraw post il-Hamrun. Kif tlesta, raw li l-pass li jmiss kien li jizzewgu. Jghid li xi sena qabel iz-zwieg kienu hassru peress li r-rikorrenti riedet tohrog mal-hbieb u tmur Paceville filwaqt li hu ma jhobbx dan it-tip ta' hrug. Kien hu li ipprova jara kif ser jirrangaw id-differenzi ta' bejniethom. Jghid li fl-ahhar xhur qabel it-tieg, missier ir-rikorrenti kien marid u kien iqatta' hafna hin mieghu peress li kellu

[2] Ara a fol 153 tal-process

relazzjoni tajba mieghu. Kif eventwalment miet, staqsiha jekk riditx li jipposponu d-data tat-tieg pero' ma riditx. Isemmi episodju fejn ftit tal-jiem qabel it-tieg taghhom jghid li r-rikorrenti riedet tpoggi xi fjuri fuq il-qabar ta' missierha izda x'hin fakkarha li hu allergiku ghall-fjuri, qabbdet tghajjat quddiem xi familjari b'dan li nkiser u biex ma jaqlax aktar paroli, hareg 'il barra mir-*restaurant*. Jiddikjara wkoll li l-gurnata tat-tieg taghhom ma kienitx wahda felici ghaliex kullhadd hass in-nuqqas ta' missierha. Jghid ukoll li l-ftit jiem li ghamlu fil-lukanda wara t-tieg, kienu diga' qed jiggieldu. Jikkonferma li ftit wara z-zwieg taghhom ir-rikorrenti riedet li tissepara b'dan li l-partijiet damu biss madwar hmistax-il gurnata jghixu flimkien bhala ragel u mara ghaliex wara, la bdew jorqdu flimkien ghax kullhadd beda jghix hajtu b'mod separat. Jghid li kien hemm tentattivi biex dan iz-zwieg isalva u jergghu jirrangaw izda dan qatt ma sehh.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-15 ta' Dicmebru 2007 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Permezz tal-affidavit taghha Carmen B[3] (omm ir-rikorrenti) tghid li hasset li bintha kienet qed tghaggel meta wara biss sitt xhur flimkien il-partijiet bdew ifittxu post flimkien. Tghid li dan kien anke minhabba l-fatt li l-intimat kien hames snin akbar minn bintha. Tghid li ommu ghandha karattru dominanti b'dan li kienet titratta lir-ragel taghha qisu binha. Tghid li anke l-post li xtraw kien minhabba fiha ghaliex dan kien l-uniku post li hi ma oggezzjonatx ghalih peress li kien il-Hamrun. Minkejja dan tghid li ma kienitx tinkwieta fuq ir-relazzjoni li kellha bintha mal-intimat. Kien iddejjaqha l-fatt li omm l-intimat tindahal tant li anke fuq il-fatt li kellhom jahsbu ghat-tfal mill-ewwel hasset li kellha tindahal. Tghid ukoll li kull ma ried jixtri l-intimat kellu jghaddi mill-parir ta' ommu b'dan li kienet tihodlu l-paga u taghtihielu ftit ftit. Tiddikjara li dan l-arrangament baqa' sejjer anke wara z-zwieg. Tiddiskrivihom bhala koppja dejjem

[3] Esebit a fol 16 tal-process

wahedhom li ma jmorrux okkazjonijiet socjali u tghid li dan kien anke minhabba l-fatt li l-intimat ma kienx ikollu flus. Tghid li lanqas il-karozza ma halliha titghallem. Imbaghad xahrejn qabel iz-zwieg, miet missier ir-rikorrenti u din tal-ahhar waqghet f'dipressjoni. Issemmi li ftit qabel it-tieg il-partijiet iggieldu minhabba gizirana li xtralha ghat-tieg u li infurmatu li ma kienitx ser tilbes peress li ma kienitx taqbel. Ix-xhud izzid tghid li minkejja li hasbet li bintha kienet kuntenta li zzewget lill-intimat, fil-verita' din ma kienitx is-sitwazzjoni izda bintha ma kienitx tiftah qalbha maghha bil-mod li kienet taghmel ma' missierha qabel ma gie nieqes. Saret taf li bintha riedet tissepara wara ftit granet u ghalhekk ma haditx din l-ahbar bis-serjeta' pero' sussegwentement anke hadet lil bintha ghand psikologa izda xejn ma kellu success.

Permezz tal-affidavit taghha, Maryanne Desira[4] tikkonferma hafna mill-affarijiet li ssemmi omm ir-rikorrenti, specjalment ghal dak li huwa l-indhil da parti ta' omm l-intimat. Pero' tali rakkont huwa bbazat fuq dak li kienet tghidilha omm ir-rikorrenti. Tiddiskrivi l-gurnata tat-tieg tal-partijiet bhala gurnata fejn hasset li l-atmosfera ma kienitx wahda ta' ferh. Dan gie kkonfermat ghaxart ijiem biss wara meta r-rikorrenti qaltilha li riedet tinfired minn zewgha ghaliex kien sar possessiv fuqha. Tghid li proprju l-karattru possessiv tal-intimat u l-indhil ta' ommu wasslu biex ir-rikorrenti qatt ma setghet kienet il-mara f'hajtu. Taghlaq billi tghid li temmen li li kieku r-rikorrenti m'ghaddietx mit-trawma tal-mewt ta' missierha, zgur li ma kienitx tibqa' ghaddejja biz-zwieg.

Audrey Pulis[5] tghid li l-intimat kien ihares lejha bl-ikrah u li kugintha kienet tkun ferm differenti meta kienet tkun mieghu. Tghid li taf bl-indhil ta' ommu minghand omm ir-rikorrenti pero' qatt ma tkellmet mal-istess rikorrenti ghaliex ma riditx tindahal. Tikkonferma dak li tghid omm ir-rikorrenti u cioe' li mal-mewt ta' missierha, r-rikorrenti waqghet f'dipressjoni u tilfet il-kontroll ta' dak li kien qieghed jigri madwarha. Xtaqet tiftah ghajnejn kugintha biex tipposponi t-tieg u jkollha c-cans tippjana ahjar imma bezghet li tehodha hazin u fuq kollox tghid li l-intimat

[4] Ara a fol 20 tal-process
[5] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 23 tal-process

ma kienx jaghtiha cans. Tiddiskrivi l-gurnata tat-tieg taghhom bhala gurnata stramba fejn l-gharajjes lanqas biss qaghdu flimkien. Tghid li tlett ijiem wara t-tieg iltaqghet mar-rikorrenti li kienet ma' habiba taghha l-Belt u qaltilha li kienet harbet minn C. Ftit tal-granet wara skopriet li kugintha kienet diga' trid tissepara. Wara dan kollu, tispjega li kugintha fethet qalbha maghha u qaltilha li kien C li ma hallihiex titghallem il-karozza u li minhabba fih ma kienitx tohrog. Taghlaq billi tghid li temmen li z-zwieg ma irnexxiex minhabba l-karattru possessiv tal-intimat u l-indhil da parti ta' ommu.

Jason D[6] li jigi hu l-intimat jghid li wara l-mewt ta' missier ir-rikorrenti, huh staqsiha jekk riditx li tbiddel id-data tat-tieg izda hi rrifjutat. Jispjega li l-gurnata tat-tieg kienet gurnata ta' dieqa kbira tant li r-rikorrenti dahlet bir-ritratt ta' missierha f'idejha. Jikkonferma li sar jaf li l-partijiet kienu ser jisseparaw ftit tal-granet wara li zzewgu.

Ikkunsidrat :

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-partijiet, minhabba anomalija psikologika serja, kienu inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li fil-mument tal-kunsens, ir-rikorrenti ma setghetx taghti kunsens validu. Dan hu kkorraborat bir-rapport ta' Dr. Dorothy Scicluna[7] fejn tiddikjara li r-rikorrenti "***lacked internal will due to the above external pressures. She was dealing with the loss of her father, whilst adjusting to her new reality of having lost the only person she confided in and who understood her. Very little mattered at that time; her sadness coupled with her lack of ability***

[6] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 144 tal-process
[7] Esebit a fol 33 tal-process

***to voice her needs led her to proceed with the wedding despite her doubts***"[8].

Illi jigi rilevat li ghalkemm ir-rikorrenti taghmel emfasi kbira fuq il-fatt li omm l-intimat kienet tindahal fir-relazzjoni taghhom, jidher car li l-bazi tan-nullita' taz-zwieg odjern ma kienx tali indhil imma l-fatt li r-rikorrenti ma kienitx f'posizzjoni li taghti kunsens validu fil-mument propizju taz-zwieg.

F'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[9] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"**.**

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[10] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett***

[8] Ara a fol 35 tal-process

[9] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[10] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

Illi in vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, r-rikorrenti ma kellhiex id-*discretio judicii* necessarju ghaliex, kif tispjega tajjeb Dr. Dorothy Scicluna, fil-mument tal-kunsens r-rikorrenti ma kien jimpurtaha minn xejn minhabba c-cirkustanzi li kienet ghaddejja minnhom.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[11] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda prodotta in atti illi ghalkemm ir-rikorrenti ma kellhiex dak id-*discretio judicii* sabiex taghti kunsens validu, mill-istess xiehda prodotta l-ebda prova ma tressqet quddiem il-Qorti li turi li l-istess rikorrenti jew l-intimat kellhom l-intenzjoni li jeskludu z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi taz-zwieg.

[11] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar Iz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------